Fuljett ta' kull xahar




Volum 27
Ħarġa 07
Lulju 2025

**Ħbieb,** minn dan ix-xahar se nibdew niltaqgħu barra. Issa beda s-sajf u bdiet is-sħana. Aħna xorta se nibqgħu għaddejjin bl-attivitajiet anke jekk tkun sempliċi għawma jew mixja. L-aqwa li niltaqgħu. Naf li jkun hemm ħafna li jsiefru u naf li jkun hawn min ikollu mpenji oħra. Imma aħna l-aqwa li min ikun waħdu u ma jkollux impenji oħra jkollu moħħu mistrieħ li l-Ġimgħa xi ħaġa jkollna żgur. Naf li l-attendenzi jonqsu ħafna fis-sajf u dan sinjal tajjeb. Sinjal li tkunu mpenjati. Aħna minn naħa tagħna se norganizzaw dawk l-attivitajiet tradizzjonali li norganizzaw kull sena. Pero` jiena nemmen li s-sapport irid jibqa għaddej anke jekk għal ftit membri.

Il-grupp tagħna, issa għalaq 28 sena mwaqqaf. Inkun korrett meta ngħid li mal-milja tas-snin, dan il-grupp serva ta' ġid għall bosta membri fi ħdanu. Dejjem nesiġi jien li qatt ma ninsew minn fejn tlaqna fil-bidu aħna meta ormolna. Hemm ħadieħor f'dak il-post li għandu bżonn l-għajnuna, tbissima u li ma jiġix iġġudikat. Ħbieb mhux kulħadd huwa l-istess u mhux kulħadd jirreaġixxi l-istess għad-daqqiet tal-ħajja. Daqqiet li dejjem ġejjin u ma jieqfu qatt. Hawn minn jgħid li meta taqla d-daqqiet ifisser li għadek ħaj. Għalija din il-biċċa mhix konsolazzjoni. Id-domanda hija 'kemm jiflaħ il-bniedem jaqla daqqiet?' Fl-aħħar iċċedi l-armi, titfa' x-xugaman l-abjad u tieqaf tikkumbatti mal-ħajja. Naturalment dan huwa ħażin ħafna għax minkejja kollox il-ħajja anke jekk tgħejja taqla' trid dejjem tiġġildilha. Naf li dawn huma affarijiet li aktar faċli li tiktibhom milli tgħixhom.

Dan l-aħħar kont mistieden sabiex nitkellem fuq missirijiet romol waqt il-wirja bandiera bajda tal-artista Etienne Farrell. Tkellimt fuq it-tbatija li jkollhom l-irġiel romol sakemm irabbu. Miegħi fil-Ħdud ta' qabel kien hemm taħlita ta' rġiel oħra li kollha batew jew li kollha għadom ibatu. Naturalment jiena tkellimt fuq irġiel romol. Dak li jgħaddu minnu l-irġiel jgħaddu minnu n-nisa wkoll. Kulħadd ibagħti meta jormol. Spjegajt li ta' spiss jistaqsuni 'Imma min ibati l-aktar?'

*Ikompli fl-aħħar paġna*

**Attivitajiet Lulju 2025**

*Minn dan ix xahar se nibdew niltaqgħu barra.*

**It 3 ta' Lulju.20.00-**A night at the Girgenti Palace—Prezz-Donation mad-dħul ta' 5€. Peress li l-kunċert se jsir fuq it-turf tiġux bit-tkaken.

**L-4 ta' Lulju 2025-Grupp Kultura-**Ghost tour ġewwa l-Imdina. 20.00 Niltaqgħu ħdejn id-daħla prinċipali tal-Imdina - Prezz 12€ jew 15€ skond kemm inkunu. Booking permezz ta' Revolut u aktar tagħrif għand Therese Francalanza fuq 99830025.

**Il-11 ta' Lulju 2025-**Comino by night **(fully booked)** Ghal aktar tagħrif fuq ħinijiet u affarijiet oħra kellmu lil Maureen Tarpey fuq 79895387.

**It-18 ta' Lulju 2025-**Illum niltaqgħu l-Għadira ħdejn il-kiosk La Sosta. Ġibu d-dawl, mejda u siġġu, ikel u xorb u l-malja.

**Il-25 ta' Lulju 2025-**Birthday Celebrations ta' dan ix-xahar ġewwa Ta' Klariċċ **Restaurant Rabat. Prezz 30€-BBQ-**Open Bar–Inbid, softdrinks u ilma.

**Booking permezz ta' Revolut u aktar tagħrif għand Maureen Tarpey fuq 79895387**. **Menu-**Garlic bread and focaccia-Fish, Ribs, Cumberland sausage, Marinated Bone less Chicken. Fresh Salads, potatoes and BBQ sauce. Deserta.

Jiena dejjem indaħħal il-karattru ta' dak li jkun. Xi kultant it-tbagħtija nsaqquha aħna u din tikber ferm. Ngħid kelma oħra fuq il-vjolenza. Jiena naħseb li din dejjem ħażina, jagħmilha min jagħmilha u jsofriha min isofriha. Daqqa ta' ponn hija ħażina imma l-vjolenza verbali hija ħażina wkoll.

Għalhekk ħallikom mit-teoriji u mill-gajjijiet u tkellmu ma' kulħadd għax aħna kollha fuq l-istess vapur qegħdin u jekk jereq il-vapur nerqu kollha miegħu.

**Victor**

*Chairperson: Victor Galea– 99899072- Secretary: Charlotte Camilleri 99899751 -Email-info@minusone.eu*

**It-twemmin tagħna tad-deheb.**




Huma ħafna dawk li jaħsbu li meta tormol, int se tinsa l-mara jew ir-raġel. Naturalment dan mhux minnu għax l-imħabba meta tkun vera tkun għal dejjem

# Victor.




**Tikteb Maureen Tarpey.**

Jien u l-grupp. Din is-sena għalaqt hdax-il-sena li ilni membru f'dan il-grupp meta f'eta` pjuttost żgħira sibt ruħi ma' nies li wħud minnhom kont nafhom u ma' nies li rajt l-ewwel darba. Kollha konna sofrejna t-telfa tal-għeżież tagħna.

Dan kien appuntament regolari għalija. Il-ġurnata tal-Ġimgħa kont inħalliha biex nattendi regolari fejn għadni nattendi sal-ġurnata tal-lum. F'dan il-grupp tgħallimt ħafna mill-esperjenzi ta' xulxin fejn dħaqna, bkejna u ssapportjajna lil xulxin. Grazzi għal minn waqqaf dan il-grupp u għat-tmexxija ta' wara biex stajna nibqgħu niltaqgħu fejn kbirna ħafna bħala numru.

Ħsieb li dejjem ħaddant hekk kif ħadt il-ġurament sabiex ningħaqad mal-Korp tal -Pulizija kien mhux x'nista nieħu imma x'nista nagħti lill-pajjiżi. L-istess ħsieb nattwaħ fil-grupp tagħna għax is-sapport huwa u għandu jkun dritt ta' kulħadd. Forsi hawn min jistaqsi 'biex inhi ġejja din?'

Meta nkunu fil-grupp naħseb li mhux sewwa li nippretendu li nieħdu biss jew aħjar li nirċevu biss imma naraw x'nistgħu nagħtu lura.

Hija ħaġa sabiħa li dak li jkun jinvolvi ruħu b'kull mod fejn jista' għax kull għajnuna tgħodd sabiex jissaħħaħ il-grupp tagħna. L-attendenza biss m'hiex sapport.

Jiena ċerta li hemm bosta li jaħsbuha bħali, li l-grupp huwa ħafna għal qalbhom u li jkunu qed jistennew nhar ta' Ġimgħa biex niltaqgħu. Insomma, fil-grupp tagħna sibna familja oħra fejn iva sfortunatament tul is-snin tlifna membri li jien għadni niftakar fihom għax minkejja kollox kienu baqgħu attivi fil-grupp.

Grazzi lil membri li ilhom fil-grupp u li tgħallimna ħafna minn għandhom. Nagħlaq billi nikteb li s-sapport huwa tajjeb dejjem, jiġi minn fejn jiġi u ma hemm l-ebda eta` li żżommok lura milli tgħin.

**Maureen.**

**2025**